

Il-Ġurnal Uffiċjali C 380 tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Volum 58

Informazzjoni u Avviżi

14 ta' Novembru 2015

Werrej

II Komunikazzjonijiet

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2015/C 380/01

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.7775 — BTPS/CPPIB/Haymarket House) (¹) 1

IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kunsill

2015/C 380/02

Deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Novembru 2015 li taħtar membru u membru supplenti tal-Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-Ungjerija 2

Il-Kummissjoni Ewropea

2015/C 380/03

Rata tal-kambju tal-euro 4

2015/C 380/04

Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni 5

2015/C 380/05

Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni 6

(¹) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

Il-Kummissjoni Ewropea

2015/C 380/06	Sejħa għall-espressjonijiet ta' interess — stedina għall-preżentazzjoni ta' prodotti li jistgħu jintużaw bħala markaturi tad-diżil u tal-pitrolju	7
---------------	---	---

PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2015/C 380/07	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.7791 — Aviva/PSP/Property Portfolio JV) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata (¹)	8
2015/C 380/08	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.7832 — Gunvor Group/Kuwait Petroleum Europoort) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata (¹)	9
2015/C 380/09	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.7833 — CDC International Capital/Mubadala Development Company/Vivalto Bel/Groupe Vivalto Santé) (¹)	10
2015/C 380/10	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.7825 — KKR>Selecta) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata (¹)	11

(¹) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

(Komunikazzjonijiet)

**KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊI
U AĞENZJJI TAL-UNJONI EWROPEA**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Il-Każ M.7775 — BTPS/CPPIB/Haymarket House)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2015/C 380/01)

Fid-9 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwal-lunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fi. Dan it-test jinstab:

- fit-taqSIMA tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovd diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32015M7775. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

(Informazzjoni)

**INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA**

IL-KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Novembru 2015

li taħtar membru u membru supplenti tal-Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-Ungerija

(2015/C 380/02)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 tat-18 ta' Lulju 1994 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-post tax-Xogħol (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħi,

Wara li kkunsidra l-lista ta' kandidati ppreżentata lill-Kunsill mill-Gvernijiet tal-Istati Membri u mill-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u ta' min iħaddem,

Wara li kkunsidra l-lista tal-membri u tal-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjonijiet tiegħi tat-2 ta' Diċembru 2013 (²) u tat-12 ta' Ġunju 2014 (³), il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perijodu li jintem fis-7 ta' Novembru 2016, bl-eċċeżżjoni ta' ċerti membri u membri supplenti.
- (2) Il-gvern tal-Ungerija ppreżenta n-nomini għal żewġ postijiet vakanti li għandhom jimtlew,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dawn li ġejjin huma b'dan maħtura membru u membru supplenti tal-Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perijodu li jintem fis-7 ta' Novembru 2016:

I. RAPPREŻENTANTI TAL-GVERN

Pajjiż	Membru	Membru supplenti
Ungerija	Is-Sinjura Katalin BALOGH	Is-Sur Gyula MADARÁSZ

(¹) ĠU L 216, 20.8.1994, p. 1; (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolo 5, Volum 2, p. 205).

(²) Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2013 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ĠU C 360, 10.12.2013, p. 8).

(³) Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2014 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għal-Litwanja u Malta (ĠU C 182, 14.6.2014, p. 14); Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2014 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għal-Franza (ĠU C 186, 18.6.2014, p. 5).

Artikolu 2

Il-Kunsill għandu jaħtar il-membri u l-membri supplenti li għadhom ma ġewx nominati f'data aktar tard.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2015.

Għall-Kunsill

Il-President

P. GRAMEGNA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro⁽¹⁾

It-13 ta' Novembru 2015

(2015/C 380/03)

1 euro =

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,0764	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4322
JPY	Yen Čappuniż	132,04	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	8,3429
DKK	Krona Daniża	7,4606	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6483
GBP	Lira Sterlina	0,70705	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5305
SEK	Krona Żvediża	9,3388	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 257,07
CHF	Frank Żvizzera	1,0786	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	15,4459
ISK	Krona Iżlandiża		CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	6,8607
NOK	Krona Norveġiża	9,3320	HRK	Kuna Kroata	7,6155
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	14 764,07
CZK	Krona Ċeka	27,032	MYR	Ringgit Malażjan	4,7125
HUF	Forint Ungeriż	312,23	PHP	Peso Filippin	50,722
PLN	Zloty Pollakk	4,2429	RUB	Rouble Russu	71,7143
RON	Leu Rumen	4,4452	THB	Baht Tajlandiż	38,643
TRY	Lira Turka	3,0960	BRL	Real Brażiljan	4,0847
AUD	Dollaru Awstraljan	1,5077	MXN	Peso Messikan	18,0620
			INR	Rupi Indjan	71,2000

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2015/C 380/04)



Wiċċ nazzjonali għall-munita l-ġdida kommemorattiva ta' EUR 2, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mill-Andorra

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom status ta' valuta legali fiż-żona kollha tal-euro. Sabiex tinforma lill-pubbliku u l-partijiet kollha kkonċernati li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskriżżjoni tad-disinji tal-muniti l-għoddha kollha (¹). Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (²), l-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jistipula l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti kommemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti ta' EUR 2 biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn kommemorattiv li jkun simboliku ħafna f'termin nazjonali jew Ewropej.

Il-pajjiż li qed joħroġ il-munita: Andorra

Is-suġġett tal-kommemorazzjoni: Il-25 anniversarju tal-firma tal-Ftehim Doganali mal-Unjoni Ewropea

Deskrizzjoni tad-disinn: Id-disinn juri fuq in-naħa ta' fuq il-mappa ta' Andorra bl-istemma tal-Prinċipat enfasizzata ġewwa fiha. Fil-parti t'isfel tad-disinn, żewġ vleġegħ opposti imnisġa, li jissimbalizzaw l-Ftehim Doganali bejn l-Andorra u l-UE, juri li qed jiġu kkommemorati s-snin "1990" u "2015" (din tal-aħħar hija wkoll is-sena tal-ħruġ tal-munita) u l-isem tal-pajjiż li qed joħroġ il-munita "ANDORRA". Madwar il-mappa ta' Andorra tidher l-iskrizzjoni "25è aniversari de la Signatura de l'Acord Duaner amb la Unió Europea" (il-25 anniversarju tal-firma tal-Ftehim Doganali mal-Unjoni Ewropea).

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

L-għadd ta' muniti li għandhom jinħarġu: 85 000

Data tal-istampar: Diċembru 2015

(¹) Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

(²) Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkmandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).

Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2015/C 380/05)



Wiċċ nazzjonali tal-munita kommemorativa l-ġdida ta' EUR 2, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa minn Andorra

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom status ta' valuta legali fiż-żona kollha tal-euro. Sabiex t-informa lill-pubbliku u l-partijiet kollha li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha (¹). Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (²), l-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkon-ludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jistipula l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti kommemorativi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li tintuża biss id-denominazzjoni ta' EUR 2. Dawn il-muniti għandhom l-istess karakteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fiċċi disinn kommemorativ li jkun simboliku ħafna f'termini nazzjonali jew Ewropej.

Il-pajjiż li qed joħroġ il-munita: L-Andorra

Is-suġġett tal-kommemorazzjoni: It-30 anniversarju tad-drittijiet politiċi tal-irġiel u n-nisa li jagħlqu t-18-il sena u jsiru adulti

Deskrizzjoni tad-disinn: Id-disinn juri r-riproduzzjoni parpjali ta' persuna żagħżugħha titfa' l-vot tagħha. Id-dokument tal-vot li l-persuna għandha fidejha tirriproduċi l-iskrizzjoni "ANDORRA". Fuq ix-xellug tal-persuna hemm is-snini li qed jiġu mfakkra "1985" u "2015" (din tal-aħħar hija s-sena tal-ħruġ tal-munita wkoll). Skrizzjoni iqsar tat-tiskira ddur madwar id-disinn kollu "30è ANIVERSARI MAJORIA D'EDAT ALS 18 ANYS" (it-30 anniversarju meta wieħed isir adult ta' 18-il sena).

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

L-għadd ta' muniti li għandhom jinħarġu: 85 000

Data tal-istampar tal-muniti: Diċembru 2015

(¹) Ara ġu C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uču nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

(²) Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uču nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Sejħa għall-espressjonijiet ta' interess — stedina għall-preżentazzjoni ta' prodotti li jistgħu jintużaw bħala markaturi tad-diżil u tal-pitrolju

(2015/C 380/06)

B'dan qed tiġi nnotifikata r-rettifikasi tas-sejħa għall-espressjonijiet ta' interess li stiednet lill-applikanti jippreżentaw prodotti li jistgħu jintużaw bħala markaturi fiskali tad-diżil u tal-pitrolju, imnedija fil-11 ta' Settembru 2015 (ĠU C 299, p. 28).

Ir-rettiffika u s-sejħa għall-espressjonijiet ta' interess huma disponibbli fil-link li ġej:

http://ec.europa.eu/taxation_customs/taxation/excise_duties/energy_products/other_energy_tax_leg/call_euromarker_en.htm

**PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.7791 — Aviva/PSP/Property Portfolio JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2015/C 380/07)

1. Fis-6 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹) li permezz tagħha Aviva Life & Pensions UK Limited ("UKLAP" tar-Renju Unit), li hija parti minn Aviva Plc ("Aviva" tar-Renju Unit), u Public Sector Pension Investment Board ("PSP" tal-Kanada), jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdien il-kontroll konġunt ta' portafoll ta' proprjetà immoblli fir-Renju Unit (il-"Portafoll fil-Mira") permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija ġidida li tikkostitwixxi impriża konguuta (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal Aviva: il-fornitura ta' firxa wiesgħa ta' prodotti tal-assigurazzjoni, tat-tfaddil u tal-investimenti madwar 17-il-pajjiż. Il-grupp ta' Aviva huwa attiv principally fir-Renju Unit, Franza u l-Kanada, madankollu għandu wkoll ope-razzjonijiet bnadi oħra fl-Ewropa u l-Asja.
- għal PSP: investimenti tal-kontribuzzjonijiet riċevuti minn min iħaddem u tal-impiegati u ġestjoni ta' portafoll globali diversifikat fosthom ishma, bonds u titoli oħra bi dħul fiss kif ukoll investimenti f'ekwità privata, proprjetà immobili, infrastruttura u riżorsi naturali.
- għall-Portafoll fil-Mira: interassi fil-proprjetà, fosthom proprjetà libera (freehold), proprjetà bil-kera u oħrajn interassi, f'14-il proprjetà fiċ-ċentru ta' Londra. L-interassi fil-proprjetà jikkonsistu fil-Portafoll fil-Mira fil-biċċa l-kbira marbut ma' spazju għall-uffiċċji kummerċjali, iżda li jinkludi wkoll postijiet għall-ħwienet u żewġ unitajiet residenzjali żgħar fi tnejn mill-proprjetajiet.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdien. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjoni jiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (²), ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7791 — Aviva/PSP/Property Portfolio JV, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

^(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdien”).

^(²) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.7832 — Gunvor Group/Kuwait Petroleum Eurooport)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2015/C 380/08)

1. Fis-6 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Sandscape BV, bażikament ikkontrollata minn Gunvor Group Ltd ("Gunvor" ta' Ċipru) takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku tal-impriża Kuwait Petroleum Eurooport BV kollha kemm hi ("KPE" tal-Pajjiżi l-Baxxi) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Gunvor hija l-kumpanija azzjonarja princiċiali tal-Gunvor Group li huwa attiv fis-servizzi ta' provvista bl-ingrossa upstream u l-irfinar taż-żejt mhux maħdum, u l-bejgħ ta' wara r-raffinerija ta' prodotti raffinati taż-żejt;
- KPE tħaddem raffinerija bbażata fil-port ta' Rotterdam u attiva fir-raffinar taż-żejt mhux raffinat u prodotti taż-żejt raffinat tal-bejgħ ta' wara r-raffinerija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽²⁾, ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7832 — Gunvor Group/Kuwait Petroleum Eurooport, f'dan l-indirizz:

European Commission
 Directorate-General for Competition
 Merger Registry
 1049 Bruxelles/Brussel
 BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.7833 — CDC International Capital/Mubadala Development Company/Vivalto Bel/Groupe Vivalto Santé)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2015/C 380/09)

1. Fid-9 ta' Novembru 2015 il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹), li permezz tagħha l-impriżi Vivalto Bel (il-Belġju), CDC International Capital (Franza) u Mubadala Development Company PJSC ("Mubadal", Abu Dhabi) jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll kongūnt ta' Groupe Vivalto Santé (Franza), permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-aktivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal Vivalto Bel: kumpanija tal-familja azzjonarja li tinesti prinċipalment fis-settur tas-saħħa;
- għal CDC International Capital: sussidjarja tal-Caisse des Dépôts et Consignations li tispeċjalizza f'investimenti diretti fi sħubija ma' fondi sovrana tal-beni u investituri istituzzjonali internazzjonali;
- għal Mubadala: fond sovran tal-beni ta' Abu Dhabi fl-Emirati Għarab Magħquda;
- għal Groupe Vivalto Santé: operatur ta' stabbilimenti tas-saħħa privati fi Franza.

3. Wara eżami preliminari u mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni finali tagħha dwar dan il-punt, il-Kummissjoni Ewropea tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar din il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+ 32 22964301), permezz tal-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7833 — CDC International Capital/Mubadala Development Company/Vivalto Bel/Groupe Vivalto Santé, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.7825 — KKR>Selecta)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2015/C 380/10)

1. Fis-6 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża KKR&Co. L.P. ("KKR", l-Istati Uniti tal-Amerika) jakkwistaw (takkwista) fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll uniku ta' Selecta AG ("Selecta", l-Isvizzera) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għall-impriża KKR: il-provvista ta' servizzi ta' ġestjoni tal-assi alternattivi lill-investituri pubbliċi u tas-suq privat,
- għall-impriża Selecta: il-provvista tal-servizzi tal-bejgħ, bħall-bejgħ ta' oġġett konsumabbi użati biex jimlew il-magni tal-bejgħ (vending machines) u provvisti oħra relatati, kif ukoll il-mili u l-manutenzjoni tal-magni tal-bejgħ, kemm għall-bejgħ tal-ikel ukoll u tax-xarbiet.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽²⁾, ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7825 — KKR>Selecta, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT